MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 1097/2007

**Magellano Limited (C-39213)**

**vs**

**Ivan Cutajar (I.D. Nru: 78269M)**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu s-socjeta' rikorrenti ssottomettiet:

1. Illi s-socjeta' Magellano Limited hija kreditrici tal-konvenut fis-somma bilancjali ta' (Lm7,298.10) sebat elef

mitejn u tmienja u disghin lira maltin u ghaxar centezmi, ekwivalenti ghal (Euro17,000) sbatax-il elf ewro rapprezentanti self maghmul mis-socjeta’ attrici a favur il-konvenut, liema ammont l-istess konvenut obbliga ruhu li jhallas lura lis-socjeta’ attrici, kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat Dok. ML1.

2. Illi minkejja li l-konvenut gie nterpellat biex ihallas diversi drabi dan baqa’ inadempjenti.

3. Illi fil-fehma tas-socjeta’ attrici dan id-dejn huwa veru, cert, likwidu u dovut u l-intimat m’ghandux eccezzjonijiet xi jgib ghat-talba ta’ hlas tas-socjeta’ rikorrenti.

4. Illi ghalhekk, dan jaghti dritt lis-socjeta’ rikorrenti sabiex tipprocedi kontra l-konvenut bi proceditment sommarju specjali kif provdut fl-Artiklu 167 *et seq* tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif fil-fatt qed taghmel.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, m’ghandiex taqta’ u tiddeciedi bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-Artiklu 167 *et sequitur* tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta billi:

1. Tikkindanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ (Lm7,298.10) sebat elef mitejn u tmienja u disghin lira maltin u ghaxar centezmi, ekwivalenti ghal (Euro17,000) sbatax-il elf ewro, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez u l-imghax legali dekorribbli mit-23 ta’ Marzu 2007, u cioe’, d-data ta’ meta l-flus ghaddew f’idejn l-intimat, kontra l-istess intimat li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id- dikjarazzjoni u n-nota tax- xhieda tas- socjeta’ rikorrenti;

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lil intimat bil-procedura tal-affissjoni li naqas li jidher u jipprezenta r-risposta tieghu u hekk baqa' kontumaci;

Semghet lil Dr. Bisazza li kkonferma li l-ammont ghadu dovut;

Ezamanit l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedota fir-rikors tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-intimat tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti kif dedotta fir- rikors bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-intimat.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA BA., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------